MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tad-19 ta' Gunju, 2007

Numru 575/2005

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Jesmond Borg)**

**vs**

**Mario Xerri**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Mario Xerri ta' 22 sena, bin Carmel u Pauline nee' Copponi, imwieled il-Pieta' fil-25 ta' Marzu 1983 u joqghod fil-font numru: Nru. 177 Triq il-Kbira, Haz-Zabbar u detentur tal-karta tal-identita' 0189583(M) gie akkuzat:

Talli fi Triq Xintill, gewwa Hal-Tarxien, fil-lejl ta' bejn is-27 u t-28 ta' Mejju 2005, ghall-habta tas-00.45 ta' bil-lejl, minghajr il-hsieb li joqtol jew jqieghed il-hajja ta' Joseph

John Cutajar minn Hal-Tarxien f' periklu car, ikkagunalu ferita ta' natura gravi, kif iccertifikat minn Dr. A. Portelli M.D. tac-Centru tas-Sahha ta' Rahal Gdid u Dr. M. Grima M.D. tad-dipartiment tal-'Casualty' ta' l-isptar San Luqa, liema ferita iggiblu mankament jew sfreggju fil-wicc bi ksur ta' l-artiklu 216 (1) b tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ukoll talli fl-istess data, lok u cirkostanzi, hebb ghal Rodrick Azzopardi minn Hal-Tarxien, sabiex jingurjah, idejqu u jaghmillu hsara u dana bi ksur ta' l-artiklu 339 (d) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ukoll talli, fl-istess data lok u cirkostanzi, wara li gie pprovokat, ingurja lil Rodrick Azzopardi minn Hal Tarxien, b' mod li johrog barra mill-limiti tal-provokazzjoni u dana bi ksur ta' l-artiklu 339 (1)(e) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Barra minn dan, akkuzat, ukoll talli fl-istess data, lok u cirkustanzi volontarjament kiser il-Bon Ordni u l-Paci Pubblika b' ghajjat u glied u dana bi ksur tal-artiklu. 338 (dd) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli fl-istess data, lok u cirkostanzi qal kliem oxxen, indecenti u dagha bi ksur tal-artiklu 338 (bb) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex tapplika l-artiklu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali li jinsab a fol. 6 tal-Process, (Dok JB 3) u nnutat li l-imputat m' ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-seduta tallum l-imputat, fil-presenza tal-avukat difensur tieghu, iddikjara li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat, fil-presenza tal-avukat difensur tieghu, rega' wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputat kien ikkopera mal-Pulizija u li hu konsapevoli li f' dan il-kaz kien jissussisti element ta' provokazzjoni minn terzi persuni fil-konfront tal-imputat.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 216(1)(b), 339(1)(d), 339(1)(e), 338(dd), 338(bb) u 342 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Mario Xerri, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fedina penali netta ta' l-imputat u li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputat kien ikkopera mal-Pulizija u li hu konsapevoli li f' dan il-kaz kien jissussisti element ta' provokazzjoni minn terzi persuni fil-konfront tal-imputat, inkwantu l-ewwel akkuza tillibera lill-istess imputat Mario Xerri taht il-Provvediment tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin millum; u inkwantu ghat-tieni akkuza, it-tielet akkuza, ir-raba' akkuza u l-hames akkuza tikkundanna lill-imputat Mario Xerri ghall-piena ta' hamsa u ghoxrin Liri Maltin (Lm25) ammenda ghal kull wahda minn dawn l-imsemmija erba' akkuzi.

Inoltre l-Qorti, bl-applikazzjoni tal-art. 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, torbot lill-imputat Mario Xerri b' obbligazzjoni personali ta' Lm100 li jzomm il-kwiet ma' Joseph John Cutajar u li jzomm il-bonordni pubbliku ma' kullhadd ghal zmien sena millum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Mario Xerri l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------